MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27

It-Tlieta, 23 ta' Frar 2021

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021 fl-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 27.1 Talba;

27.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 27.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

27.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 27.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 25 u 26 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

27.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

27.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

27.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi qal li ġiet ppubblikata d-29 ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek". Din tqassmet minnhu f'kull residenza tal-Fontana. Hu kompla billi qal li fil-ġranet li ġejjin kopji tal-fuljetti mill-ewwel ħarġa li ħarġet fis-sena 2005 sa llum se jitpoġġew fuq il-websajt tal-Kunsill.

27.4.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li madwar ħmistax ilu beda jaħdem l-iskrivan il-ġdid.

27.4.3 Is-Sindku informa li saru l-applikazzjonijiet għall-espressjoni ta'

interess li ħareġ id-Dipartiment għal Gvern Lokali, *Smart Solutions* għall-Immaniġġjar tal-Iskart. Il-Kunsill applika biex isiru żewġ *smart bins* kif ukoll sistema ta' CCTV cameras li jaħdmu bil-pannelli solari li jissolveljaw l-Wied tax-Xlendi li jinsab fil-konfini tal-Fontana fejn kien sar it-tindif u r-rijabilitazzjoni.

27.4.4 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li saret laqgħa mal-Perit Gordon Vella rigward it-tiswija u t-tiġdid tal-playingfield. Hu kompla billi qal li l-Kunsill se japplika mill-iskema li ħareġ id-Dipartiment rigward finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing fields li tagħlaq f'April.

27.4.5 Is-Sindku Saviour Borg semma l-każ ta' xogħol ta' tiswija li sar mill-*Water Services Corporation* fi Trejqet Bieb il-Għajn. Hu qal li dawn għamlu xogħol ta' tiswija bis-sement u suppost sar bl-*istencil concrete* bħal kumplament tat-triq. Il-Kunsill ilu jikteb lill-Inġinier tal-*Water Services Corporation* minn Novembru tas-sena li għaddiet. Il-ġimgħa ta' qabel l-Inġinier staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv min kien għamel dak ix-xogħol. Is-Sindku qal li dan kien sar minn Ganpiet Ltd madwar is-sena elfejn.

27.4.6 Is-Sindku informa li saret laqgħa mas-Supretendent il-ġdid tal-Pulizija ta' Għawdex J. Hersey, li qed jiltaqa' ma' kull Kunsill Lokali ġewwa Għawdex. Kienet laqgħa kordjali ħafna. Hu qal li fost l-oħrajn is-Supretendent semma li f'Novembru se tibda l-*Community Policing* f'Għawdex u li se jkun qed jiltaqa' mal-Kunsilli Lokali kull xahar.

27.4.7 Is-Sindku informa li saru żewġ tabelli ġodda li jindikaw il-proġett ta' tisbieħ bil-porfido fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u f'parti minn Triq ta' Mulejja.

27.4.8 Rigward il-proġett ta' tisbieħ bil-porfido, is-Sindku ssuġġerixxa biex l-Kunsill jibgħat ritratti lil-Awtorita' tal-Ippjanar tax-xogħlijiet li saru sa issa, kif ukoll tat-tabelli tal-fondi. Hu qal li l-Awtorita' tal-Ippjanar tat estensjoni sena wara l-oħra u jkun tajjeb li l-Kunsill jinfurmaha x'qed jiġri.

27.4.9 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li twaħħlet il-bollard ħdejn l-Għajn il-Kbira bl-intervent tal-Kunsillier Horace Micallef.

27.4.10 Rigward il-fanali taz-zuntier, is-Sindku informa li l-Kunsill qiegħed fil-

proċess li joħroġ l-offerta u għadu jistenna l-*isketch* bi tlett fanali, biex jara jkunux adattati.

27.4.11 Is-Sindku informa li sar il-kuntratt tal-iskrivan il-ġdid, kif ukoll kien sar tas-Segretarju Eżekuttiv li beda fl-1 ta' Novembru 2020 għar-raġuni li dan ta' l-aħħar qatt ma' tniżżel fil-minuti.

27.4.12 Is-Sindku informa li s-sentenza li ngħatat mit-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva fil-Qorti t'Għawdex ma' ġietx appellata mill-Awtorita' tal-Artijiet wara li għaddew l-20 ġurnata. Is-Sindku talab biex din is-sentenza tiġi mehmuża mal-minuti ta' din il-laqgħa għall-istorja biex jintwera' t-tfixkil li kellu l-Kunsill biex jibni l-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Rigward l-ispejjeż tal-kawża, s-Sindku informa li staqsa lil Avukat u qal li jrid jinħareġ il-kont mill-Qorti, imbagħad l-Avukat ikun irid jibgħat il-kont lil-Awtorita' tal-Artijiet biex tħallsu. Il-Kunsill se jirkupra ukoll l-ispejjeż tal-Qorti tat-tieni rikors. Is-Sindku informa lil dawk preżenti li s-sentenza tal-appell tal-fond 189/190, Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja fejn propost li jkompli jinbena l-uffiċċju taċ-Ċentru Ċiviku hija, għal Ħamis, 25 ta' Frar 2021.

27.4.13 Is-Sindku informa li sar it-tindif tal-ħamrija fil-ġnien tal-playingfield.

27.4.14 Is-Sindku informa li saret ukoll laqgħa permezz ta' webinar mal-kumpanija li qegħda tieħdu ħsieb is-siti ta' Natura 2000 fosthom il-Wied tax-Xlendi li parti minnhu tinsab fil-konfini tal-Fontana. Hu qal li din il-kumpanija qed tipproponi kif ser isiru l-affarijiet u kien hemm diversi punti interessanti. Għal min hu interessat ser issir laqgħa għall-pubbliku permezz ta' webinar biex jikkummentaw fuq din iż-żona.

27.4.15 Is-Sindku informa li l-ħruġ tal-permess taċ-Ċentru Ċiviku suppost se joħroġ fid-9 ta' Marzu. Hu qal li baqa' xi ħaġa pendenti min-naħħa tas-CRPD. Hu qal li l-Perit qal li din mhux problema għax se jindirizzaha ma' l-istess CRPD. Il-laqgħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar għandha ssir permezz ta' webinar fid-9 ta' Marzu 2021.

27.4.16 Is-Sindku staqsa kienx intalab permess biex issir trinka fi Triq John Gaspard Le Marchant is-sena li għaddiet biex jgħaddu *cables* għal ma' arblu. Hu qal li saret trinka u għamluha bil-*cold asphalt* u baqa l-bankina miksura. Is-Sur Horace Micallef qal li kienet infurmatu residenta toqgħod hemm li kien qed isir tqattigħ tat-triq. Hu qal li

kien iċċekja mas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti u qallu li hemm kien hemm permess. Is-Sindku talab biex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni biex tittranġa l-bankina u t-tarmac isir kif suppost bil-*hot asphalt*.

27.4.17 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li hemm talba biex isiru *double yellow lines* mal-ġnub ta' bieb ta' garaxx nru 4 fi Triq il-Għajn peress li qegħdin jipparkjaw maġenb il-bieb u ma' tkunx tista' tidħol u toħroġ. Kien hemm qbil.

27.4.18 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joffri maskla lil kull resident tal-Fontana peress li għadna għaddejjin bil-pandemija tal-COVID-19 li dan l-aħħar reġgħet żdiedet ħafna. Hemm bżonn madwar 900 maskla. Is-Sindku qal li importanti li dawn jkunu ta' materjal tajjeb u li jkunu jistgħu jinħaslu. Kien hemm qbil li jinġabu l-kwotazzjonijiet.

27.4.19 Is-Sindku informa li wara li l-Kunsill informa lil Pulizija, il-ħajt tas-sejjiegħ fil-bidu ta' Triq l-Isptar San Ġiljan kien tranġa. Dan l-ilment tal-Kunsillier Horace Micallef.

## 27.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ bil-porfido

27.5.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li intbagħtet ir-risposta lir-resident li kien oġġezzjona, mill-Avukat Dr Chris Said. Hu qal li kompla x-xogħol ta' tħammil barra dik il-parti ta' quddiem dan ir-resident u sar ukoll it-tindif tal-blat fejn kien hemm bżonn. Hu kompla billi qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur J. Grima, *archeological monitor,* li hemm bżonn li jsir tindif ta' toqob mimlijin bit-trab fil-blat permezz *excavator* żgħir u tindif ta' lani ta' dwieli bil-ħamrija bl-għodda ta' l-idejn. Is-Sindku wieġeb li nġabet stima mingħand kuntrattur għax-xogħlijiet tat-tindif ta' toqob fil-blat bil-prezz ta' €23 exc VAT is-siegħa inkluż il-ħaddiem. Ix-xogħol bħalissa huwa prattikament wieqaf minħabba r-raġuni li l-kumpanija li qed taħdem dan il-proġett qegħda kwarantina u l-Kunsill qed jistenna l-*clearance* min-naħħa tal-SCH wara li sar it-tindif meħtieġ.

## 27.6 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-main u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn

27.6.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li ftit tal-granet ilu l-Kunsill talab

biex issir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u mal-kuntrattur biex wieħed jara meta x-xogħlijiet fuq din it-triq jistgħu jsiru. Dan għar-raġuni li trid issir Triq l-Imgħallem li fiha ilhom jaħdmu xhur, u hemm ukoll it-Triq ta' Wara s-Sur. Is-Sindku talab biex jintbagħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.

## 27.7 Xogħlijiet fil-Playingfield

27.7.1 Is-Sindku qal li bħalma ingħad aktar il'quddiem saret laqgħa mal-Perit Gordon Vella rigward ix-xogħlijiet fil-playingfield. Hu qal li ssemmiet ukoll il-proposta li kien għamel il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef dwar għoti ta' *foam* x'ħin jinkixef il-bejt. Il-Perit issuġġerixxa li fejn ma' jkunx hemm *mats* isir bil-porfido biex jiġi jaqbel mal-parti ta' quddiem ta' ħdejn il-Knisja u mal-parti ta' wara fejn qed isiru x-xogħlijiet. Hu kompla billi qal li l-Perit għandu jlesti l-istima tax-xogħlijiet għall-iskema li ħareġ id-Dipartiment għal Gvern Lokali li se tagħlaq għall-aħħar ta' April 2021. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill irċieva katalgu tal-apparat tal-playingfield fejn ġie mgħoddi lil Perit biex jara humiex validi. Il-prezz ta' dan l-apparat huwa ta' €4,800 exc VAT u ma jaqbiżx id-*direct order*. Hekk il-Kunsill ikun jista' juża l-€2,000 mill-fondi tal-LESA li dawn iridu jintużaw sa' Mejju, u t-€3,000 mill-fond ta' aġġustament tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u hekk tkun kważi imħallsa kollha. Is-Sindku talab biex jintbagħat dan il-katalgu lill-kunsilliera. Hu qal li din tinwaħal flok li hemm bħalissa minħabba l-fatt li ilha hemm madwar 13-il sena u għandha bżonn li tinbidel għax l-elementi għamlu tagħhom. Il-Perit għandu jdaħħal dan ix-xogħol fil-permess li għandu jiġi deċiż fid-9 ta' Marzu 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skond il-Perit l-akbar waħda għandha bżonn spazju ta' madwar 10m b'9.5m, u l-oħra għandha bżonn spazju ta' 9.5m b'9.5m. Fuq il-post hemm aktar minn 10m b'10m, li jfisser li l-Kunsill jista' jara liema *option* jippreferi. Is-Sur Horace Micallef issuġġerixxa li jekk hi iżgħar milli hemm, issir fil-ġenb biex tkun jista' jidħol xi tip ta' apparat ieħor. Is-Sindku wieġeb li dawn huma ikbar mill-apparat li hemm bħalissa. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tinxtara waħda minnhom.

## 27.8 Rimbors ta' l-ispejjeż tal-ġabra ta' l-iskart riċiklabbli u dik tal-ħġieġ imwegħda mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li għadhom ma' tħallsux

27.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ilu jibgħat u jċempel lid-Direttur għal Gvern Lokali (Moniteraġġ u Sapport) rigward ir-rimbors ta' l-ispejjeż

tal-ġabra ta' l-iskart riċiklabbli u dik tal-ħġieġ. Wara xi ġranet id-Direttur kellem lis-Segretarju Eżekuttiv u qallu li se jmexxi bil-ħlasijiet. Hu kompla billi qal li dan l-aħħar jiem ċemplu mis-Sezzjoni ta' l-*Accounts* tad-Dipartiment u infurmaw lil Kunsill li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-ħlasijiet u suppost għandhom iħallsu sa' Diċembru 2020. Is-Sindku qal li ma' jistax ikun li l-Kunsill iħallas madwar €6,000 fis-sena għal 52 ġabra tal-borża riċiklabbli, u 12-il ġabra tal-ħġieġ. Dan għar-raġuni li lanqas jingħataw fondi għalihom fil-Budget u l-Kunsilli Lokali l-oħra jinġabarlhom mingħajr jekk ma' għadx baqa min jitħallas mill-iskemi wkoll.

## Sitwazzjoni tal-belvedere ta' Triq ta' Mulejja

27.9

27.9.1 Rigward is-sitwazzjoni tal-belvedere ta' Triq ta' Mulejja, s-Sindku qal li ċempillu s-Surġent J. Grima li ħa f'idejh il-każ fejn infurmah li dan ġie magħluq bit-*tape* tal-Pulizija. Is-Sindku infurmah li l-Kunsill kiteb lil Ministeru għal Għawdex xhur ilu biex tissewwa din il-ħsara u baqa' bla risposta peress li t-toroq jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex billi kien sar bdil fil-liġi. Is-Sindku qallu li dan is-suġġett qiegħed fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss biex tiġi diskuss. Hu informa li s-Surġent talbu biex ikun infurmat x'inhu jiġri għalhekk qallu biex jibgħat email lis-Segretarju Eżekuttiv biex iżommu nfurmat. Is-Sindku talab biex nagħmlu kuntatt ma' l-Avukat Dr Noel Camilleri biex jagħti parir lil-Kunsill x'irid isir u għalhekk sar kuntatt *online* ma' Dr Camilleri. Dr Camilleri qal li meta l-Kunsill bagħat l-ittra lil Ministeru għal Għawdex, lanqas biss irċieva *acknowledgement* ta' din l-ittra. Hu qal li jħoss li l-pass li jmiss għandu jkun Protest Ġudizzjarju kontra l-Ministeru għal Għawdex u anke kontra *Infrastructure Malta*. Dan għar-raġuni li din ta' l-aħħar hija ukoll responsabbli mit-toroq, ħalli jekk jinqala xi ħaġa l-Kunsill ikun bagħat b'mod formali u li jkun qed iżommhom responsabbli għal li jista' jinqala. Protest Ġudizzjarju hu aktar b'saħħtu minn ittra uffiċċjali. L-Avukat Camilleri qal li jistgħu jiġu kkuppjati ukoll il-Pulizija biex huma jkunu jafu li bħala Kunsill rreaġixxa b'mod legali u b'mod formali permezz tal-Qorti. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa lil Avukat jekk it-toroq f'Għawdex jaqgħux taħt *Infrastructure Malta.* Dr Camilleri wieġeb li taħt il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Justyne Caruana, it-toroq kienu taħt il-Ministeru għal Għawdex. Taħt il-Ministru l-ġdid hemm ftehim li xogħlijiet li jsiru ikunu kemm minn *Infrastructure Malta* u kemm mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Micallef wieġeb li minn

informazzjoni li għandu dawn għadhom taħt il-Ministeru għal Għawdex. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk jibgħat Protest Ġudizzjarju u *Infrastructure Malta*, ma jkollix x'taqsam xejn mat-toroq f'Għawdex u ma tirrispondix lura, xorta tingħabba bir-responsabbilta'? Dr Camilleri rrisponda li iva, għax għandha twieġeb li hi mhux responsabbli. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jsir Protest Ġudizzjarju kontra l-Ministeru għal Għawdex u *Infrastructure Malta*.

**27.12** **Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;**

27.12.1 Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex ngħaddu għal din l-*item* fl-aġenda sakemm l-*Accountant* ikun disponibbli.

27.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*performance appraisal* tal-impjegata Monica Falzon. Dan ikopri l-perjodu bejn Jannar 2020 u Ottubru 2020 li ġie imħejji mill-eks Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat (perjodu Jannar sa l-aħħar ta' Ġunju) u mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti (perjodu Lulju sa l-aħħar ta' Ottubru). Ġie propost li tingħata *performance bonus* ta' 5%. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

27.12.3 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Bezzina mill-WasteServ rigward is-servizz tal-Kerbside Truck. Talab lil Kunsill biex jerġa' jkun ikkunsidrat li l-ħin jinqasam bejn nofsu wara l-Knisja u n-nofs l-ieħor fit-toroq Triq John Gaspard Le Marchant u t-Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Is-Sindku wieġeb li biex il-Kunsill jara x'kien iddeċieda fi żmien is-Segretarju Eżekuttiv ta' qabel. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill qed jirreklama dan is-servizz fuq *Facebook* u talab lin-nies biex jikkoperaw.

27.12.4 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: INTERREG MED Programme 2014-2020 – Restricted call for proposals transfer and mainstream projects*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.5 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Xuereb mill-MIEMA, bis-suġġett Patt għall-Agrobiodiversita' għal Għawdex – Stedina lill-Kunsilli Lokali. Is-Sindku wieġeb biex niċċekkjaw x'irid għax jista' jkun ta' użu għal-widien li għandna.

Korrispondenza mingħand il-*Planning Authority* rigward PA No.
27.12.6 6898/20 – *To demolish existing structure and to construct garages and Class 4B shop at ground floor with overlying 6 flats and 2 penthouses – Notification of Completion of DPA Report and Meeting Date.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

Korrispondenza mingħand is-Sa. N. Stevens mill-kumpanija Adi
27.12.7 Associates bis-suġġett Preparation of Master Plans for valleys – Proposed Actions for Xlendi Catchment. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Korrispondenza mingħand is-Sa. A. Sammut mill-Korp tal-Pulizija
27.12.8 rigward laqgħa mas-Supretendent il-ġdid t'Għawdex J. Hersey. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Ċirkulari AKL 2021/010 bis-suġġett *Malta Epilepsy Day*. Is-Sindku
27.12.9 wieġeb li temi bħal dawn għandhom jiġu rreklamati fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill għax ikunu ta' għajnuna.

Ċirkulari AKL 2021/011 bis-suġġett *Webinar – GDPR for DPOs and*
27.12.10 *GDPR for Local Government*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Ċirkulari AKL 2021/012 bis-suġġett *MCAST Free Language courses*. Il-
27.12.11 Kunsill innota l-kontenut.

Korrispondenza mingħand Dr D. Camilleri minn Transport Malta
27.12.12 rigward it-talba tal-Kunsill biex ikun hemm preżenza ta' uffiċċjali ta' Transport Malta fi Triq il-Għajn speċjalment fil-ħinijiet ta' qabel l-iskola. Ir-risposta tkun li se jaraw x'jistgħu jagħmlu. Is-Sindku wieġeb li Transport Malta ħadet passi għax qed ikun hemm l-uffiċċjali ta' Transport Malta.

Korrispondenza mingħand Dr D. Camilleri minn Transport Malta
27.12.13 rigward it-talba tal-Kunsill għal tabella *NO ENTRY FOR HEAVY VEHICLES* qabel taqbad Triq il-Għajn mill-Pjazzetta fuq it-Tomba. Ir-risposta tkun li din it-talba trid tiġi kkunsidrata fil-fond peress li trid tinstab alternattiva li hija vijabbli, peress ukoll li bħalissa *By The Bastion Road* hija magħluqa. Talbet biex issir laqgħa aktar il'quddiem fuq din il-materja.

SPI/SCI/3/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021. Il-
27.12.14 Kunsill innota l-kontenut.

27.12.15 SPI/SCI/3/2021 – Emenda - Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2021, fejn qed jinfurmaw li l-perjodu tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet jibda jgħodd minn meta d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika jirrevoka d-direttiva ta' l-attivitajiet tal-massa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.16 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-vacation leave ta' 28 siegħa tiegħu li mis-sena 2020 ttrasferixxa għal 2021. Hu qal li minn dawk fadallu jieħu 13-il siegħa. Is-Sindku qal għandu dritt jieħu *time off* ta' dawk is-sigħat li daħal is-sibtijiet meta kien waħdu. Kien hemm qbil, għalhekk għandu jiġi nfurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

27.12.17 Korrispondenza mingħand is-Sur Y. Magro mill-Gozo Action Group Foundation bis-suġġett *GAG4 – Rejuvenating Gozo (Second Call) – Pre Call and Info Session.* Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill se japplika għall-iskema li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li se tagħlaq aktar tard, f'April. Is-Sindku ġa' tkellem mal-Perit Gordon Vella. Kien hemm qbil.

27.12.18 Korrispondenza mingħand is-Sa. E. McCullough mill-kumpanija ADI Associates bis-suġġett *Preparation of Master Plans and Technical Guidelines for selected valley catchements in the Maltese Islands – Second Round of Public Events.* Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jippubblika din l-informazzjoni fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.19 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Camilleri mill-NCPE bis-suġġett Konferenza NCPE – 2 ta' Marzu 2021 – Il-Jum Internazzjonali tal-Mara. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.20 Korrispondenza mill-MEUSAC bis-suġġett Diskussjoni onlajn: 'Soċjeta Ugwali, Soċjeta Sħiħa'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.21 Korrispondenza mill-*EU Corporate Notification System* bis-suġġett *Formal notification for time extension to WiFi4EU beneficiaries under calls 1 to 4*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan issa ġie estiż sas-26 ta' Lulju 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.22 Korrispondenza mingħand is-Sa. J. Abdilla mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett Case 18/2021: Talba għall-Fondi ta'

Aġġustament għas-sena 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.23 Korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar bl-applikazzjoni Nru 2654/20 bis-suġġett *To demolish existing building and to construct the remaining part of Fontana Local Council office building at ground floor level and public open space above – Notification of Development Permit Application Report and Commission Meeting Date.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din l-applikazzjoni se tiġi deċiża nhar id-9 ta' Marzu 2021.

27.12.24 Korrispondenza mingħand C. Borg Manche bis-suġġett Ambjent Malta Konsultazzjoni Kunsilli Lokali. Is-Sindku wieġeb biex naraw x'proposti jistgħu jintbagħtu.

27.12.25 Korrispondenza mingħand is-Sa A. Sammut mill-Aġenzija Appoġġ bis-suġġett INK Project rigward l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilita' fuq il-post tax-xogħol. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jirringrazzjaha ta' l-opportunita' imma bħalissa l-Kunsill m'għandux fejn idaħħal aktar nies u anki ħabba l-miżuri tal-COVID-19.

27.12.26 Korrispondenza mingħand il-Perit G. Vella rigward *playhouses* għall-*playingfield* mill-katalgu li l-Kunsill irċieva. Hu qal li l-akbar waħda għandha bżonn spazju ta' 10m b'9.5m u l-oħra għandha bżonn spazju ta' 9.5m b'9.5m. Hu qal li fuq il-post hemm aktar minn 10m b'10m, jiġifieri il-Kunsill jista' jmur għal liema waħda jrid. Il-Kunsill qabel li tinxtara waħda minnhom.

27.12.27 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Parteċipazzjoni f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.28 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Skema Reġjonali – Ambjent 2021, li tagħlaq fil-15 ta' Awwissu 2021. Is-Sindku wieġeb biex din il-korripondenza tiġi diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill peress li nbagħtet ftit ħin biss qabel il-laqgħa.

27.12.29 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021, li tagħlaq fil-15 ta' Awwissu 2021. Is-Sindku wieġeb biex din il-korrispondenza tiġi diskussa f'laqgħa oħra peress li nbagħtet ftit ħin biss qabel il-laqgħa.

27.12.30 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Finanzjament Addizzjonali mir-Reġjun Għawdex b'rabta ma' SPI.SCI.8.2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.31 Korrispondenza mill-*Modern Workplace Training at MITA*, bis-suġġett *REGISTER NOW: Government Modern Workplace Microsoft Training Sessions – March – April 2021*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.32 Ċirkulari AKL 2021/15 – Webinar – Indafa Pubblika 24/02/2021. Is-Sindku wieġeb li jekk jista' jattendi xi ħadd. Il-Kunsill innota l-kontenut

27.12.33 Korrispondenza mingħand is-Sur G Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Skema "Smart Solutions". Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid jibgħat l-applikazzjoni lir-Reġjun Għawdex sa qabel it-22 ta' Frar 2021 biex dawn jiġu *endorsed* mir-Reġjun Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.34 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima ta' sistema ta' CCTV Cameras rigward l-Iskema tad-Dipartiment "Smart Solutions" għall-immaniġjar tal-Iskart. Sistema li taħdem b'pannella solari ġiet kwotata €3,013, filwaqt li sistema li taħdem mal-*grid* ta' l-Enemalta ġiet kwotata €2,608. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill jikkwota għal-sistema li taħdem b'pannella solari minħabba l-fatt li ma' hemmx spejjeż rikorrenti.

27.12.35 Korrispondenza minn PA rigward Applikazzjonijiet Nru RG/02067/20 u RG/00053/21. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.36 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. C. Borg li qed tagħmel *Masters Degree* fis-Soċjoloġija fl-Universita' ta' Malta u qed tistaqsi informazzjoni fuq gruppijiet jew organizzazzjonijiet ta' nisa fil-lokalita'. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jistaqsi lil Kappillan tal-Parroċċa.

27.12.37 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Grima, *archeological monitor*, rigward xogħlijiet ta' tindif ta' toqob fil-blat permezz ta' *small excavator* u tindif ta' lani ta' dwieli bil-ħamrija bl-għodda ta' l-idejn fil-parti fejn qed isiru x-xogħlijiet ta' tisbieħ bil-porfido. Is-Sindku

wieġeb li dawn il-lani ta' dwieli nstabu kemm wara s-Sangristija u fil-ġenb fi Treqjet iċ-Ċentru Parrokkjali.

27.12.38 Il-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia talab li jiġi skużat mill-laqgħa fis-6.10pm.

27.12.39 Ċirkulari AKL 2021/016 – EUCF Webinar – It-Tieni Sejħa 07/04/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.40 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: LIFE19 IPE and IPC Projects / Welcome online Zoom Meeting: 24th and 25th February 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.41 Ċirkulari AKL 2021/013 – Minuti Laqgħa Eżekuttiv Nru. 42. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.42 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Spiteri mis-*Centre for Resilience and Socio-Emotional Health* fi ħdan l-Universita' ta' Malta bis-suġġett Survey Invitation: Child-Friendly Spaces in Malta & Gozo. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.43 Ċirkulari AKL 2021/014 – *Group Life Policy*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.12.44 Ilment Nru 5/2021
Qed jilmenta li quddiem id-dar tiegħu fi Triq il-Għajn u anke fl-isqaq ta' maġenbu qed isib ħmieġ tal-klieb. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill itih tabella. Kien hemm qbil.

27.12.45 Ilment Nru 6/2021
Qed jilmenta li qed isib atti ta' vandaliżmu bħal daqqiet u għafsiet fuq il-karozza u l-mutur tiegħu li jkunu pparkjati fit-Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili, faċċata tad-dar tiegħu. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jgħaddi dan l-ilment lil Pulizija. Il-Kunsill qabel.

## 27.13 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

27.13.1 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa biex tittranġa Triq Mons. Mikiel F. Buttigieg għax imħarbta ħafna. Is-Sindku wieġeb biex

nibgħatu dan l-ilment lil Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel peress li fejn mhux miksi għadu bla wiċċ.

27.13.2 Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai qal li hemm bżonn isir xi *patching* quddiem residenza fi Triq Grezzja Grima. Kien hemm qbil.

**27.10 Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2020**

27.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2020 mħejji mill-*Accountant* is-Sur Daniel Galea. Is-Sindku qal li kien ikun għaqli li kieku dawn ġew iċċirkolati qabel mal-kunsilliera, għalhekk talab biex jintbagħtu b'email dak il-ħin.

27.10.2 Għal din il-parti tal-laqgħa kien hemm preżenti *online* l-*Accountant* is-Sur Daniel Galea fejn spjega fid-dettal dan ir-rapport.

27.10.3 Il-*Financial Statements* għas-sena 2020 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati tlett kopji mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27.11 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Ottubru 2020 – Diċembru 2020**

27.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020. L-*Accountant* is-Sur Daniel Galea ta spjega x'jinkludi fih dan ir-rapport.

27.11.2 Ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur: Ottubru 2020 – Diċembru 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

27.14.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 20/2021 għall-perjodu bejn it-30 ta' Jannar 2021 u t-22 ta' Frar 2021 li tammonta għal €6,488.15 ġiet approvata u ffirmata.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**27.15**

27.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu bejn il-membri ġiet aġġornata għat-Tlieta, 30 ta' Marzu 2021 fil-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv